MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 691/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**GEORGE VELLA**
**BRIAN MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom George Vella ta' 31 sena, iben Spiridione u Emanuela nee' Farrugia, imwieled Pieta' nhar l-04.06.1974 u residenti Block 2, No. 2, Fuq San Pawl, Cospicua, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 295674(M).

U

Brian Mallia ta’ 31 sena, iben Louis u Alfrida nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar il-11.07.1974 u prezentament risedenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 321374(M).

Akkuzati: Talli fit-22 ta’ Dicembru 2004 ikkommettew serq ta’ flus u oggetti tad-deheb mill-fond Block C, Flat 4, Triq Kordin, Rahal Gdid, liema serq jammonta ghal aktar minn elf lira maltin (lm 1000) ghad-dannu ta’ John Galea u Josephine Calleja min Rahal Gdid, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok u dana bi ksur ta’ l-artikoli 263(a), 279(b), 269(g) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-Lm50 u dan ghad-dannu ta’ l-imsemmijja John Galea u Josephine Calleja;

Lill George Vella wahdu talli fis-26 ta’ Dicembru 2004 u fil-jiem ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu hwejjeg li gew mehuda jew akkwistati b’qerq jew b’reat u cioe’ curkett tal-fidda u arlogg ta’ lewn id-deheb liema oggetti huma proprjeta’ ta’ l-imsemmija Josephine Calleja u dana bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U fl-ahharnet talli rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’ dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 16 ta' Gunju, 2006 u li jinsabu a fol. 75 tal-Process u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat George Vella iddikjara li hu hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda recidiva.

Il-Qorti wissiet lill-imputat George Vella bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat George Vella wiegeb li hu hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda recidiva.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli ghall-Prosekuzzjoni, iddikjara li fil-konfront tal-imputat George Vella biss, l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggaravat u it-tieni akkuza li tirrigwarda hsara volontarja migjuba kontra l-imputat George Vella, inghataw bhala akkuzi alternattivi ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat George Vella, liema tielet akkuza tirrigwarda ricettazzjoni u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat George Vella.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Brian Mallia iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Brian Mallia bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Brian

Mallia wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat George Vella l-artikoli 334, 49, 50, 31, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Brian Mallia l-artikoli 261(a)(b) u (g), 263(a), 279(b), 269(g), 281, 289, 325(a), 49, 50, 31, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat George Vella, fuq ammissjoni, hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda recidiva u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat George Vella ghall-piena ta' sena prigunerija.

Rigward l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza nkwantu migjuba kontra l-imputat George Vella fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar l-imsemmija l-ewwel u it-tieni akkuza nkwantu migjuba kontra l-imputat George Vella, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat George Vella.

Issib lill-imputat Brian Mallia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Brian Mallia ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati George Vella u Brian Mallia sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmi ta' Ewro (Ewro 671.79) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti nominati fl-Inkjesta li l-

Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------